MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2008

Numru. 36/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**Vs**
**Albert Grech ta' 50 sena, bin Anthony u Luigia nee' Debono, mwieled Valletta fit-22 ta' April 1957, residenti 21B, Triq l-Isptar, Valletta u detentur tal-karta ta'l-identita' 320757(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Albert Grech akkuzat talli fil-Belt Valletta nhar it-23 ta' Ottubru 2007 ghal habta tad-9:30 a.m., volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' medicina liema hsara hija ta' iktar minn Lm500 ghad-dannu ta' Anthony Borg u tal-Gvern ta' Malta, u dana bi ksur ta'l-artikolu 325(1)(a) tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tal-11 ta’ Jannar 2008 sabiex dana il-kaz jigi itrattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi irrizulta mill-atti processwali illi dana l-incident inqala’ kollu minhabba disgwid li sehh bejn girien ghar-rigward tal-post fejn kellhom jitqieghdu kaxxi kontenenti medicini ipprovduti mid-Dipartiment tas-Sahha lil parti leza Anthony Borg minhabba kundizzjoni medika tieghu. Omm dana Borg kienet solitament tqieghed dawna l-kazzi taht it-tarag fil-partijiet komuni tal-blokk, biex b’hekk dawna l-kaxxi kienu jigu faccata tal-bieb ta’ barra ta’l-appartament ta’l-imputat. Jidher illi l-imputat beda joggezzjona ghal dana u ilmenta ma’ Rita Borg omm l-parti leza, ghal dana il-fatt. Fis-sahna ta’l-argument l-imputat beda jhedded lil dina Rita Borg illi kien ser jahraq dina l-medicina jekk hija ma tnehhihiex minn quddiem il-bieb tieghu, u fil-fatt huwa ta’ bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dina l-intenzjoni billi dahal gewwa u gab landa pitrolju u tefaghha fuq dawna l-kaxxi. Ta’ dana hemm zewg xhieda okulari u cioe’ Rita Borg u certu Francis Pace. L-imputat jammetti ukoll fl-istqarrija tieghu illi fil-fatt tefa’ dana il-pitrolju, izda huwa ighid li xehtu fl-art hdejn dawn il-kaxxi u mhux fuqhom. Izid ighid ukoll illi b’dina l-azzjoni jaf li ixarrbu xi kaxxi.

Illi l-imputat qieghed isostni fid-difiza tieghu, illi l-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq il-prova dwar jekk fil-fatt sehhiex hsara f’dina l-medicina u jekk fil-fatt kien hemm xi hsara, f’hiex kienet tikkonsisti dina l-hsara u jekk kenitx tolqot il-medicina kollha. Mill-provi irrizulta illi dina l-medicina tigi supplita mid-Dipartiment tas-Sahha. Id-dipartiment ghandu policy illi l-ebda medicina ma tista’ tigi ritornata mill-pazjent wara li tkun giet ikkonsenjata (ara xhieda ta’ Mario Abela a fol. 39). Madanakollu id-Dipartiment ma giet mitluba taghmel l-ebda analizi dwar x’kien il-likwidu li intefghet fuq dina l-medicina u jekk fil-fatt

saritiliex xi hsara. Ix-xhud Mario Abela ikkonferma illi dina l-medicina tigi ikkonsenjata f’kaxxi tal-kartun u il-medicina tkun issigillata fil-boroz tal-plastic. Hekk kif allura Rita Borg giet infurmata mid-Dipartiment illi l-medicina ma setghetx tirritornaha, allura hija ghazlet li tiddisponi minnha u fil-fatt sar dana bl-ghajnuna tal-Kunsill Lokali tal-Belt. Illi jidher illi dina l-medicina kienet tiswa madwar Lm760 u dana kif jirrizulta mid-Dokument AM1 esebita a fol.12 tal-process.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi migjuba quddiem il-Qorti irrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-imputat kellu kull intenzjoni li jikkaguna hsara lil medicina in kwistjoni. Johrog car mill-provi illi huwa ma kienx qed jiehu pjacir bil-fatt illi Rita Borg kienet qed tqieghed l-medicina quddiem il-bieb tieghu u li kien irrabjat ghal dana il-fatt, tant illi hekk kif martu infurmatu illi Borg kienet qieghdet il-medicina quddiem il-bieb taghhom, huwa minnufih telaq minn fuq il-post tax-xoghol tieghu u mar immedjatament id-dar, Meta wasal hemhekk bir-rabbja kisser l-antiporta b’daqqa ta’ sieq u wera l-intenzjoni li kellu li jaghti n-nar lil dina l-medicina tant illi dahal gewwa id-dar tieghu u gab landa tal-pitrolju u xehtu fuq dina l-medicina. Wara li ghamel dana talab lil martu sabiex taghtih sulfarina halli jaghti n-nar lil dina l-medicina. Kien biss meta Borg bdiet theddu li kienet ser tirraportah lil pulizija illi huwa iddesista minn dina l-azzjoni.

Illi mhux ikkontestat illi l-oggett mertu ta’ dina il-kawza hija medicina proprjeta tal-Gvern ta’ Malta li tigi ikkonsenjata lill-pazjent mid-Dipartiment tas-Sahha. Dana huwa ikkonfermat anke mill-pharmacy technicians illi xehdu f’dawn il-proceduri. Mario Abela u Peter Paul Sultana. Mhux ikkontestat il-fatt ukoll illi id-Dipartiment tas-Sahha kellha terga’ taghmel konsenja ohra gdida minhabba il-fatt illi Rita Borg iddisponiet mill-medicina minhabba l-likwidu li intefa fuqha. Illi ghalkemm huwa minnu illi ma tressqitx prova dwar il-grad tal-hsara lli sofriet dina l-medicina, madanakollu l-Qorti hija tal-fehma illi medicina li ikun intefa xi likwidu fuqha jew hdejha bhal pitrolju, ma hijiex tajba biex tigi mehuda mill-pazjent sakemm ma isiruliex l-

analizijiet kollha mehtiega illi fil-fatt dina l-istess medicina ma tkunx assorbiet mis-sustanza li ikun intefa' fuqha. Sakemm isiru dawn l-analizijiet certament illi l-pazjent irid jigi suppliet b'medicina ohra ghaliex mill-provi migjuba jirrizulta illi minhabba il-kundizzjoni medika tieghu. Anthony Borg irid jiehu dina l-medicina b'mod regolari.

Illi minhabba fl-agir ta'l-imputat ghalhekk, id-Dipartiment tal-Gvern kellu jaghmel konsenja ohra ta' medicina li ghalhekk swielha madwar Lm760. Dana qed jinghad ghaliex mix-xhieda tal-pharmacy technicians indikati iktar 'il fuq, irrizulta illi d-Dipartiment tas-Sahha ma jiehu lura l-ebda medicina li tkun giet ikkonsenjata anke fl-eventwalita' illi pazjent imut u il-medicina ikkonsenjata ma tkunx giet mittifsa minnu. Illi ghalhekk minhabba ragnijiet ta' sigurta u sahha, l-medicina ikkonsenjata la setghet tittiehed mill-pazjent qabel ma isirulha l-analizjiet necessarja u lanqas ma setghet tigi ritornata lid-Dipartiment minhabba xi riskju ta' kontaminazzjoni mill-pitrolju. Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova illi il-Gvern ta' Malta sofra danni f'dana l-incident u dana b'konsegwenza diretta ta'l-azzjonijiet ta'l-imputat.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali ta'l-imputat u l-fatt illi jidher mill-istqarrija rilaxxjata lill-pulizija illi huwa iddispjacieh ghal dak illi ghamel u li fil-fatt illum il-gurnata intlahaq arrangement sabiex dina l-medicina ma tohloqx iktar inkonvenjent lill-imputat u il-familja tieghu. Madanakollu l-Qorti ma tsitax hlief tikkundanna l-agir ta'l-imputat iktar u iktar f'dawn ic-cirkostanzi fejn is-sahha ta' persuna hija involuta.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikolu 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputat hati ta'l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum. Inoltre peress illi l-hsara giet ikkagjonata f'proprjeta pubblika, l-imputat qed jigi

ikkundannat ihallas multa ta' €1769.04 ekwivalenti ghal Lm759.45.

Finalment il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor f'dana l-perijodu ta' liberta kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------